# It-Tradizzjoni Pawlina fil-kitba ta' Patri Ġilormu Manduca (1)

*minn Hermann Grech B.A. (Hons) M.A.*

Bla dubju ta' xejn, ir-reliġjon Nisranija ilha mijiet ta' snin tagħmel parti essenzjali mill-kultura u l-folklor ta' pajjiżna. Ovvjament, il-ġrajja ta' kif dan it-twemmin wasal fil-gżejjer tagħna ma tistax tiġi mwarrba, kif ma jistax jitwarrab u jintesgħa l-Appostlu Missierna San Pawl: il-bniedem li għarrafna b'Ġesu Kristu u l-fidi Nisranija. Matul dawn l-aħħar dsatax-il seklu, il-figura ta' San Pawl ġiet assocjata ma' diversi tradizzjonijiet u leġġendi, li ħafna minnhom huma l'bogħod mill-verita' bibblika. Ta' min jgħid, pero', li tajjeb li nkunu nafu dawn it-tradizzjonijiet marbuta ma' Missierna San Pawl.



*Abbozz ta' Guzeppi Cali għas-saqaf tal-knisja Parrokkjali ta' San Pawl, li juri l-intervent ta' San Pawl msemmi fl-artiklu.*

Wieħed mill-ewwel Ġiżwiti Maltin, Patri Ġilormu Manduca, kiteb fuq certi tradizzjonijiet Maltin u jsemmi bi prominenza kbira lil San Pawl fost qaddisin oħra.[1] Ta' min jgħid li Patri Manduca twieled fl-1573, sar Ġiżwita fl-1590 u ħajtu kienet karatterizzata minn vjaġġi kontinwi. Huwa kien f'diversi kunventi u kulleġġi: Ruma, Messina, Reggio Kalabria, Noto, Loreto, Malta u Sirakuża. Huwa miet fil-kulleġġ ta' Noto f'Lulju ta' l-1643.[2]

Meħuda mill-manuskritt bl-isem ta' Relazione o sian tadizioni avute trasmesseci dalli antichi circa Le cose dell'Isola di Malta e di quanto s'e' potuto cavare da scritture antiche e degne di fede. Con un Frammento o sia Dissertazione, Sopra l'anno della morte, ed assunzione di Nostra Sig(no)ra Maria S(antissi)ma Opera Del P(ad)re Girolamo Manduca Maltese Sacerd(o)te dell Comp(a)nia di Gesu', l-awtur jikteb fit-tul dwar tradizzjoni partikolari u f'din jidher fic-car kemm il-kult Pawlin kien qawwi f'din il-gżira.[3]

L-awtur jgħidilna li fis-sena 1470 il-belt ta' l-Imdina kienet assedjata minn 18,000

Għarbi wara li dawn ħarbtu kull fejn sabu u qatlu ħafna nies. F'din it-taqbida kienet bdiet tintuża l-artiljerija u jingħad li l-bumbardier li kien qed jiddefendi l-Imdina, kisser il-kanuni ta' l-għadu, li minn naħa tiegħu ħaraq l-irħula u l-imsaġar taż-żebbuġ ta' din il-gżira. Il-Maltin li kien hemm l-Imdina kienu qed ibatu l-ġuħ f'dan l-assedju, iżda ma qatgħux qalbhom. Biex juru lill-Għarab li mhumiex ibatu, f'qoffa bagħtulhom xi ħobż frisk, ġbejniet u ikel ieħor. Huma għamlu wkoll wegħda li darba f'sena jagħmlu pellegrinaġġ għall-knisja ta' San Girgor fiż-Żejtun. Kif dawn il-Maltin kienu f'din it-tbatija kollha waslitilhom l-għajnuna ta' San Pawl, Sant'Agata u grupp ta' anġli, qaddisin u beati. Manduca jgħid li wieħed biss irnexxielu jara dan il-miraklu waqt li bil-lejl kien qed jitlob fil-knisja ta' San Pawl. Hu ra l-bibien jinfetħu u minnu ħarġu San Pawl, Sant'Agata u ħafna qaddisin oħra, u mas-sebħ dawn kienu fuq l-Għarab li ppruvaw jolqtuhom bil-vleġeġ, li pero bdew jitgħawwġu. Meta raw hekk l-Għarab ħarbu lejn ix-xatt minn fejn ħallew lil Malta bix-xwieni tagħhom.[4]

Filwaqt li għandna nosservaw kemm hu mportanti Missierna San Pawl, ta' min jgħid li hi ħasra li dan il-manuskritt, miktub fil-bidu tas-Seklu Sbatax, qatt ma ġie ppublikat. Fih u f'manusritti oħra, naraw kemm ir-reliġjon kienet tagħmel parti essenzjali fil-ħajja socjali ta' Malta. Ovvjament, Missierna San Pawl dejjem jissemma bi prominenza kbira, xhieda ta' devozzjoni li tinsab fl-għeruq tas-socjeta' Maltija.

* * *

1 *Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta, Lib.2 pp.525-562, Lib.25 pp.177-203, Lib.165 pp.95-110, Lib.644 pp.191-221.*

2 *Dwar ħajjet l-awtur, cfr. Vincent Borg, Girolamo Manduca: His Life and Works', in Melita Historica, Vol. VII, No.3, pp.237-257; Grech Hermann, La Tradizione Manoscritta della Relazione di Padre Girolamo Manduca S.J., Teżi ta' l-M.A., Universita' ta' Malta, 1996; Archivum Romanum Societatis Jesu.*

3 *Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta, Lib.2 pp525-562, Lib.25 pp.177-203, Lib.165 pp95-110, Lib.644 pp.191-221. Anthony T. Luttrell "Girolamo Manduca and Gian Franceso Abela: Tradition and Invention in Maltese Historiography", in Melita Historica, Vol.VII, Malta, 1978.*

4 *Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta, Cfr. Lib.165, pp100-101; Lib.25, pp.188-191; Lib.644, pp.203-206.*